# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar il-Hamis sitta u ghoxrin (26) ta' Ottubru 2017**

**Rikors Numru 292/15 FDP**

**Dr Victor Scerri**
**(ID 366665M)**

**vs**

**Inewsmalta Limited**
**(C 57032)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fit-2 ta' Ottubru 2015 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti tiddikjara illi pubblikazzjoni li dehret fuq Inews.com tas-6 ta' Ottubru 2014, ta' liema sit elettonika s-socjeta intimata kienet responsabbli, u intitolata "***Victor Scerri jxejjer daqqa' ta' ponn lil pleyer waqt loghba futbol***" kienet libelluza w malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti peress illi hija intiza sabiex ttellet jew tnaqqas ir-reputazzjoni tar-rikorrent, u ghalhekk tikkundanna lill-istess intimati ihallsuh danni morali a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248.

Rat il-pubblikazzjoni li dehret fil-gazzetta elettronika www.inews.com fejn, taht it-titolu "**Victor Scerri jxejjed daqqa ta' ponn lil pleyer waqt loghba futbol**", jidher ritratt tr-rikorrent, video tar-rappurtagg ta' One News dwar dana l-akkadut kif ukoll inkiteb is-segwenti:

> *"L-eks president ta-PN u kandidat ghall-elezzioni generali, Victor Scerrl nhar s-sibt li ghadda ta daqqa' ta' ponn lil plejer waqt loghba bejn Santa Lucija u Marsaska.*
>
> *Scerri huwa l-President tat-tim ta' Santa Lucija. F'mument minnhom fil-loghba li spiccat fi drow 0-0, zewg plejers deheru jargumentaw hekk kif seta' kien hemm fowl mal-linja ta' Marsascala, izda zewg plejers bhalma jigri f'hafna kazijiet riedu r-ragun lit tnejn.*

*Minn filmat li ghandna l-plejer ta' Marsascala deher izomm il-ballun f'idejh, kien f'dan il-mument li intervjena Scerri li ta daqqa ta' ponn lil-plejer tant li xehtu ghal tulu f-art.*

*Dan l-agir holoq kommossioni shiha fil-ground, fejn hafna mil-plejers ta' Marsascala dehru jigru lejnScerri u sehibhom li kien f-art biex jaraw x'kien ged jigri. Scerri baqa' jargumenta u intervjenew ukoll il-linesman u r-referee.*

*Ghadu mhux maghruf jekk l-MFA hiex se tiehu passi fuq l-agir ta' Scerri. "*

Rat ukoll il-kummenti illi saru minn qarrejja tas-sit inews.com taht l-istorja fuq imsemmija, illi kienu s-segwenti:

***ugwajanza*** *Mon 06-Oct-2014, 20:59*
*Tghid jitfugh il habs ghall agressioni bhal m ghamlu lill min protesta?*

***George*** *Mon 06-Oct-2014 20:46*
*Xempju ta' sportivita w ezempju ghat tfal kolha tan-nurseries.*

***F. Calleja*** *Mon 06-Oct-2014, 20:41*

*Ghandu fein jinheba tizax. Jaqbez qabza sal Bahrija.*

***South & Proud*** *Mon 06-Oct-2014, 20:28*

*Xejn gdid...........certifikat ta min hu vjolenti*

***salvu bx-Xih*** *Mon 06-Oct-2014 20:26*

*Nisperaw ll il pulizija tiehu passi kontrih skond il-ligi..L-ebda Vilctor scenni ma hu il fuq mil ligi*

***cikku jnr*** *Mon 06-Oct-2014, 19:58*

*PASTAZ PRIMA KWALITA.....lanqas ghadu jidher quddiem nies dal PASTAZ.....IRREZENJA u mur inhebba ja PASTAZ u ISTHI JEKK TAF KIF..*

***dleopard*** *Mon 06-Oct-2014, 19:51*

*Pulcinell kont, ghadek u tibqa. Sibtu kwiet, ma sibtx xi wiehed jigi jitnellah minn min int u xarrablek xi daqtein tajba lura. Dawn il-manjieri mlnn qiegh il-Bahria gibthom jew?*

Rat ir-risposta tas-socjeta intimata ippresentata fit-13 ta' Novembru 2015 fejn laqghet ghal dak mitlub billi qalet is-segwenti:

*1. Preliminariament, illi s-societa esponenti mhix responsabbli fil-ligi ghall- artikolu de quo u ghalhekk mhix il legittimu kontradittur ghat-talbiet tal attur*
*2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li pubblikazzioni de quo tikkonsisti kemm f'rapportagg kif ukoll f'espressjoni tal-opinjoni u apprezzament, jew value judgement tal artikolist dwar fatti kif irrizultaw lilu anke permezz tal filmatt li deher fl istess pubblikazzjoni u jikkostitwixxu kummenti li jitqiesu bhala fair comment, dwar kwistioni ta' interess pubbliku, liema kummenti huma accettabbli f'socjeta demokratika kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal- Bniedem;*

Tosserva illi l-kawza odjerna kienet qed tinstema kontestwalment mal-kawzi Rikors Nru 382/2014 fl-ismijiet ***Dr Victor Scerri vs Aleander Balzan***, Rikors Nru 384/2014 fl-ismijiet ***Dr Victor Scerri vs Tony Zarb et*** u Rikors Nru 383/2014 fl-ismijiet ***Dr Victor Scerri vs Dr Joseph Muscat et***

Tosserva wkoll illi filwaqt li l-kawza Rikors Nru 384/2014 giet ceduta mir-rikorrenti, il-kawzi Rikors Nru 382/2014 u Rikors Nru 383/2014 ser jigu decizi llum stess flimkien mal-kawza odjerna.

Tosserva illi fis 6 ta' Ottubru 2016 il-partijiet qablu illi l-provi migbura fil-kawza Rik Nru 382/2014 fl-ismijiet **Dr Victor Scerri vs Aleander Balzan** japplikaw ghall-kawza odjerna. (fol 34)

Tosserva illi l-atti kollha tal-kaz 384/2014 fl-ismijiet '**Dr Victor Scerri vs Tony Zarb et**' gew annessi mal-process odjern u x-xhieda kollha hemm prodotta giet dikjarata applikabbli ghal kaz odjern, u dana kif jidher fil-verbal datat 28 ta' Settembru 2017. (fol 64)

Semghet ix-xhieda ta' **Tony Zarb** moghtija fl-14 ta' Mejju 2015 u li tinstab fil-process 384/2015. (fol 16)

Semghet ix-xhieda tar-rikorrent **Dr Victor Scerri** moghtija fl-14 ta' Mejju 2015 fl-atti tal-kawza 384/2014, liema xhieda tinstab a fol 17.

Rat ir-'***Referee's Match Report***' tal-loghba MFA Division 3 bejn Santa Lucia u Marsascala li sehhet fl-4 ta' Ottubru 2014 li spiccat bil-puntegg ta' 0-0, liema rapport gie esebit mir-rikorrent u jinsab a fol 22 sa 26 tal-atti tal-kawza 382/2014.

Semghet ix-xhieda ta' **Roberto Vella**, Assistant Referee tal-Malta Football Association, moghtija fit-6 ta' Lulju 2015, li kien linesman fil-loghba li giet rappurtata fl-artikolu meritu tal-kawza odjerna.

Semghet ix-xhieda ta' **Ismael Barbara**, Referee tal-Malta Football Association, moghtija fit-22 ta' Ottubru 2015, li kien ir-referee fil-loghba li giet rappurtata fl-artikolu meritu tal-kawza odjerna.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Dr Victor Scerri illi saret fit-30 ta' Novembru 2015.

Semghet ix-xhieda ta' **Steve Buhagiar**, footballer mal-club Marsascala, illi allegatament ircieva d-daqqa ta' ponn rappurtat fl-artikolu meritu tal-kawza odjerna, liema xhieda inghatat fl-4 ta' Frar 2016.

Semghet ix-xhieda ta' **Reuben Buttigieg**, li kien President tal-club tal-football tal-Marsascala dakinhar tal-incident, liema xhieda inghatat fl-4 ta' Frar 2016 flimkien ma' dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat il-filmat esebit mir-rikorrenti fl-4 ta' Marzu 2016 a fol 66 fl-atti tal-kawza 382/2014.

Semghet ix-xhieda ta' **Robert Borg**, Group Financial Controller tal-General Workers' Union, moghtija fl-14 ta' April 2016.

Rat illi fl-14 ta' April 2017 l-intimati ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw. (fol 55)

Semghet it-trattazzjoni orali ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, illi saret fit 28 ta' Settembru 2017, wara liema trattazzjoni il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi f'Ottubru tas-sena 2014, ir-rikorrent Dr Victor Scerri, kien il-President tal-klabb tal-football ta' Santa Lucia u, f'tali kariga, huwa kien jattendi ghall-loghbiet ta' l-istess klabb bhala ufficjal.

Jirrizulta wkoll illi, fil-passat l-istess rikorrenti kellu kariga gholja fil-Partit Nazzjonalista, ossija President tal-Partit Nazzjonalista kif ukoll kien kandidat ghall-Elezzjoni Generali tas-sena 2013 ghall-istess Partit Nazzjonalista.

Jirrizulta illi fl-4 ta' Ottubru 2014, kien hemm loghba tat-Tielet Divizjoni tal-League Nazzjonali, liema loghba kienet bejn it-team li tieghu ir-rikorrenti kien il-President, ossija Santa Lucia, u it-team ta' Marsascala.

Jirrizulta illi waqt dina l-loghba, illi ntemmet bl-iscore ta' xejn b'xejn (0-0), f'mument minnhom, jidher illi l-ballun hareg mill-kaxxa tal-loghob u dahal fiz-zona fejn joqghodu l-ufficjali u sostituti tal-klabb ta' Santa Lucia.

Jirrizulta illi inqala diverbju bejn player tal-klabb ta' Santa Lucia u player tal-klabb ta' Marsascala, u dana peress illi l-player tal-klabb ta' Marsascala, certu Steve Buhagiar, kien qieghed izomm il-ballun f'idejh, precizament taht idejh, u ma kienx qieghed jghaddieh lill-player ta' Santa Lucia sabiex dana ikompli bil-loghob, u dana qajjem kommozzjoni bejn iz-zewgt players.

Jirrizulta illi, dak il-mument, ir-rikorrent, bhala ufficjal tat-team ta' Santa Lucia, illi kien qieghed fil-vicin ta' fejn kien qamet il-kommozzjoni, qabad u b'idejh ta'daqqa lill-ballun minn wara u nehha l-ballun minn taht idejn il-player ta' Marsascala.

Jirrizulta illi meta gara hekk, il-player ta' Marsascala, sussegwentement waqa' ma' l-art.

Jirrizulta illi sussegwentement, il-kommozzjoni illi gia kienet hemm, tkabbret u intervjena ir-referee tal-loghba, Ismael Barbara, illi, flimkien mal-linesman Roberto Vella, kien fil-vicinanza u raha kollox u eventwalment hareg karta safra lill-player ta' Marsascala, Steve Buhagiar, ghal hela ta' hin u simluazzjoni.

Jirrizulta illi persuna mhux maghrufa, minn fuq in-naha l-ohra tal-pitch u fuq l-istess livell tal-pitch, kien qieghed jigbed video amatorjali tal-loghoba, li kienet tinkludi wkoll il-parti fejn sehh dana l-akkadut, u, filwaqt illli pprova jiffoka aktar fil-vicin bil-camera sabiex jara ahjar x'kien gara, seta biss jara illi kien hemm kommozzjoni ta' players, bil-player ta' Marsascala jidher gia ma' l-art qabel ma intervjena r-rikorrent, u wara illi qam bil-wieqfa, qabad u ha il-ballun taht idejh biex

iwaqqaf il-player ta' Santa Lucia milli jiehu l-ballun. Imbghad jidher illi r-rikorrent, illi kien vicin, kien wicc ma wicc mal-player ta' Marsascala, gibed idejh il-quddiem u sussegwentement jidher illi l-ballun jaqa' ma' l-art u l-player ta' Marsascala jdur u jaqa' ma' l-art huwa wkoll.

Jirrizulta, izda illi il-linesman fuq dik in-naha tal-pitch, kien vicin hafna w ir-referee kien ftit passi l-boghod sejjer lejn fejn kien hemm l-kommozzjoni.

Jirrizulta illi dana il-video tal-akkadut spicca ghand l-istazzjoni Televiziv One News, li tellghuh bhala wiehed mill-ahbarjiet ewlenin taghhom fis-6 ta' Ottubru 2014, u dana huwa l-meritu ta' kawza ohra illi ser tigi deciza llum stess, ossija Rikors Nru 382/2011.

Jirrizulta ukoll illi dana l-istess filmat ittella fuq is-sit socjali 'You Tube', fejn ghadu jidher sa' llum, filwaqt illi s-sit elettoniku www.inews.com, fis-7 ta' Ottubru 2016, tellghet l-istorja meritu tal-kawza odjerna gia fuq rappurtata filwaqt illi uriet il-filmat tal-allegat akkadut u ritratt tar-rikorrent.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-bazi kollha ta' l-istorja kien irrappurtata mis-sit elettroniku www.inews.com kienet ir-rappurtagg illi ttella fuq One News illi kien ibbazat fuq il-video amatorjali mehud waqt il-loghba li juri kommozzjoni u muvimenti varji ta' players u ufficjali, fosthom l-estensjoni il-quddiem ta' id ir-rikorrent, il-ballun li jaqa' mal-art u kwazi kontemporanjament jaqa wkoll il-player ta' Marsascala.

Jirrizulta, madanakollu, illi l-azzjoni illi dwarha l-artikolist insista fl-artikolu, ossija "*Victor Scerri jxejjer daqqa ta' ponn lil plejer waqt loghba futbol*", ma jidhirx isehh fil-filmat.

Jirrizulta, illi, ghalkemm xehdu kemm ir-rikorrent kif ukoll il-player ta' Marsascala w ufficjal tieghu ta' Marsascala, illi taw verzjonijiet konfliggenti dwar l-akkadut, xehedu ukoll il-linesman u ir-referee tal-loghoba.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, filwaqt li x-xhieda tar-rikorrent u tal-player u ufficjal tat-team ta' Marsascala ghandhom jinghataw il-piz taghhom, certament ma ghandhu jkun hemm ebda dubju illi kemm ir-referee u il-linesman huma l-aktar persuni imparzjali u oggettivi illi jistghu jaghtu indikazzjoni cara dwar l-akkadut, u ghalhekk huma certament l-aktar persuni affidabbli biex il-Qorti tifhem dwar x'gara attwalment f'dik il-kommozzjoni shiha.

Jirrizulta illi Roberto Vella, illi kien Assistant Referee ossija Linesman man-naha tal-pitch fejn gara l-akkadut, kellu dan x'jghid dwar l-incident: (fol 17)

> *"Jiena kont madwar ghaxar metri boghod minn fejn gara dan l-incident u allura jiena kelli vizwali cara ta' dak kollu li gara u rajtu bic-car.*
>
> *Jiena nixtieq nghid illi lil Dr Victor Scerri fl-ebda mument ma qatt rajtu jimbotta jew jaghti xi daqqa lil player kull ma rajt huwa d-daqqa li saret lill-ballun li mbghad waqa' il-ballun.*
>
> ...

*Lil player ta' Marsascala lil Dr Victor Scerri ma rajtux jolqtu, u fil-process kollu li jiena rajt, u rajtu kollu, imkien ma' rajtu jaghti xi daqqa."*

Jirrizulta illi dina l-verzjoni hija kkonfermata wkoll mir-referee tal-loghba, Ismael Barbara, illi kellu s-segwenti xi jghid dwar l-akkadut: (fol 22)

*"Ovvjament jiena kont rajt il-video. F'dik l-azzjoni li kien gara li l-player ta' Marsaskala kien qed izomm il-ballun biex jahli l-hin u l-President kien ta – imbotta l-ballun jew ta' daqqa fuq il-ballun biex itajjarulu l-ballun halli titkompla l-loghba.*

*…*

*Imbghad ovvjament kien inqala naqra … le. Il-player kien waqa' ma' l-art biex ikabbar din il-haga. Jiena kelli vizjoni tajba ta' l-azzjoni. Tkellimt anke ma' l-assistant tieghi ghax kien vicin iktar minni, Kien ikkongerma dak li kont rajt jiena u fil-fatt lill-player li kien waqa' kont tajtu "yellow card" ta' simulazzjoni."*

Fuq domandi in kontro ezami mill-intimat "*u fil-fehma tieghek imbuttah jew mess il-ballun biss?*", l-istess Barbara jikkonferma:

*Il-ballun, id-daqqa fuq il-ballun ta*

*…*

*biex itajjarulu.*

Jirrizulta, ghalhekk, illi a differenza ta' dak allegat mill-artikolist darbtejn fl-artikolu meritu tal-kawza odjerna, ir-rikorrent qatt ma ta' daqqa' ta' ponn lill-player ta' Marsascala, izda ta' daqqa lill-ballun u l-player waqa b'simulazzjoni.

Jirrizulta wkoll, mill-assjem tal-provi prodotti kif ukoll mir-referees match report, illi l-loghba kienet wahda kombattuta immens, ghalkemm spiccat bl-iscore ta' xejn b'xejn, u jidher illi inghataw disat karti sofor lill-players fil-loghba, erbgha (4) lill players ta' Marsaskala u hamsa (5) lill players ta' Santa Lucia u sahansitra tkecca player ta' Marsaskala wara illi nghata zewgt karti sofor.

Jirrizulta ukoll illi fil-hin tal-kommozzjoni li wasslet ghall-akkadut li giet rappurtat u li huma l-meritu tal-kawza odjerna, ufficjal tal-klabb tal-football ta' Santa Lucia, ossija is-'*Stretcher Bearer*' Colin Pavia, tkecca mit-technical area in vista ta' kliem hazin illi huwa qal fil-konfront ta' player tal-klabb ta' Marsaskala.

Finalment, mill-filmat prodott u mxandar kemm minn One News u fuq il-youtube, jidher illi kien hemm varji okkazzjonijet fejn setghu sehhew impatti bejn players taz-zewgt timijiet, liema impatti certament gew amplifikati u mkabbra mix-xenati u tqallib tal-players wara l-akkadut, liema xenati l-Qorti, li kienet hi wkoll tipprattika tali sport fiz-zmien, ma tistax ma tosservax huma aktar denji ta' att fuq il-palk milli fuq pitch tal-football fejn is-sahha u teknika kalcistika hija prerekwizit ferm aktar apprezzat u necessarju ghal success milli t-teatrin u simulazzjonijiet.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi d-difiza ta’ l-intimati hija principalment maqsuma f’zewgt partijiet:

- illi huma ma humiex il-legittimu kontradittur ghax ma jidderigux jew jikkontrollaw is-sit
- illi dak minnhom rappurtat huwa sostanzjalment korrett u jikkostitwixxi fair comment.

Il-Qorti, qabel ma taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha dwar il-fatti, taghmel is-segwenti osservazzjonijiet legali.

Dwar id-difiza illi ma humiex il-legittimi kontradditturi, sa llum il-gurnata, l-Artikolu 23 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi s-segwenti:

*L-azzjoni kriminali għal xi reat taħt it-Taqsima II u l-azzjoni ċivili taħt it-Taqsima III ta' dan l-Att tista' tittieħed kontra kull waħda minn dawn il-persuni li ġejjin:*

*(a) l-awtur tal-kitba, jekk huwa jkun kitibha sabiex tiġi ppubblikata, jew jekk ikun ta l-kunsens tiegħu għal hekk;*
*(b) l-editur; jew, jekk dawk il-persuni ma jkunux jistgħu jiġu identifikati,*
*(ċ) ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni.*

Dwar tali difiza tal-‘fair comment’ imqajjma mill-intimat, **Gatley on Libel and Slander** jghid:

*To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea.*

Dana gie mhaddan mill-Qrati taghha fejn, fil-kawza **Dr Louis Galea vs Etienne St John u Felix Agius** deciza fit 30 ta’ April 2015, tali principji gew spjegati kif gej :

*… dwar l-aspett tad-difiża tal-kumment ġust ilu żmien jingħad mill-Qrati tagħna li, biex id-difiża tal-kumment ġust tkun tgħodd, jeħtieġ li min jistrieħ fuqha jseħħlu juri li (a) l-kumment kien imsejjes fuq fatt li jkun issemma fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment; (b) il-fatt imsemmi jrid ikun sostanzjalment minnu; (ċ) il-kumment irid jintwera li jkun ġustifikabbli jew mistħoqq; (d) il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żebliħ, tgħajjir jew insolenza; u (e) irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u li l-pubblikazzjoni ta’ dik il-fehma ma saritx b’ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa’ lil dak li jkun.*

Tali taghlim huwa anke riflessa fil-kawza **Spiller vs Joseph** deciza mill-Qorti tal-Appell Ingliza fl 1 ta' Dicembru 2010, fejn Lord Phillips ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet meta wiehed iqis id-difiza ta' 'fair comment':

*... defendant had to establish that: (i) the words complained of were comment; (ii) the comment was on facts; (iii) the facts commented on constituted a matter of public*

> *interest; (iv) the comment was objectively "fair"; that is the comment was one that was capable of being honestly founded on the facts to which it related, albeit by someone who was prejudiced and obstinate; (v) the comment represented the defendant's honest opinion. If he discharged all these burdens, the defence could none the less be defeated by proof of malice on the part of the defendant, but the onus of proving malice lay on the plaintiff. Both the Court of Appeal and the House of Lords held that there was no burden on the defendant to establish the fifth element. The defendant's honesty was assumed unless the plaintiff could disprove it by establishing malice.*

**Ikkunsidrat**

L-ewwel difiza imqajjma mill-intimat hija illi huma ma humiex il-persuni kontra min tali proceduri nbdew stante illi, kif jghidu huma stess huma "bl-ebda mod ma jidderigu, jamministraw, jipproducu, jippubblikaw u/jew jeditjaw is-sit gurnalistiku maltastar.com u kwalunkwe kontent li jidher fuqha".

Il-Qorti tosserva, l-ewwel u qabel kollox, illi ma hemm ebda kontestazzjoni illi r-rikrorent Dr Joseph Muscat, bhala Mexxej, u l-Perit Daniel Micallef, bhala President, huma, in vista tal-karigi taghhom, responsabbli ghall-azzjonijiet u agir tal-Partit Laburista – dana qatt ma gie kkontestat u ma hemm ebda dubju illi jirrizulta.

Il-Qorti tosserva ukoll illi l-kitba illi dwarha jilmenta ir-rikorrent dehret fuq is-sit elettroniku maltastar.com, izda imkien ma hemm indikat min huwa l-awtur tal-kitba u wisq anqas l-editur tas-sit elettroniku.

Madanakollu, kif qal Robert Borg, Group Financial Controller tal-General Worker's Union, illi hija propretarja tas-socjeta Inewsmalta Ltd, meta xehed quddiem dina l-Qorti fl 14 ta' April 2016, fuq domanda tal-Qorti fejn staqsiet "*Jigifieri Inews il-web portal hija propjeta ta' Inews Limited"* huwa ikkonferma li "*Inews il web portal kien propjeta' ta' InewsMalta Limited hekk hu"* u mistoqsi min imexxi tali portal, huwa jghid illi titmexxa "*mill-Union Print*".

Il-Qorti tosserva illi fil-pubblikazzjoni, kif gia nnutat aktar l'fuq, ma hemm ebda indikazzjoni dwar min huwa l-awtur u/jew l-editur, u ghalhekk, kif inhi sa issa il-Ligi nostrana, ir-responsabbilta' tal-artikolu taqa' fuq il-persuna illi hija responsabbli ghall-pubblikazzjoni, w la darba is-sit elettroniku kien tas-socjeta InewsMalta Ltd, allura hija s-socjeta intimata li hija responsabbli ghall tali artikolu w il-kontenut tieghu.

Il-Ligi taghti dejjem protezzjoni lill min ihoss ingurjat sabiex, bhalma gara f'cirkostanzi bhal dawn, meta min jikteb l-artikoli u jaghmel l-allegazzjonijiet ma ghandhux il-kuragg u d-decenza jghid illi huwa kien il-persuna li ghamel tali allegazzjonijiet, ir-responsabbilta' imbghad taqa' fuq min qieghed jibbenefika, u ghalhekk huwa wkoll responsabbli, minn tali pubblikazzjoni.

Ghalhekk tali eccezzjoni, illi messet qatt ma tqajjmet *ab initio*, ma tirrizultax ippruvata

**Ikkunsidrat**

It-tieni difiza tal-intimati hija illi l-fatti huma sostanzjalment korretti w jikkonsisti f'fair comment.

Il-Qorti tosserva illi tali difiza tirrikjedi sitt elementi, kif fuq deskritt u mhaddna mill-Qrati lokali u esteri, liema elementi jinkludi, fosthom illi l-fatt illi dwarhom ikkummentaw kien sostanzjalment korrett u illi l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma saritx b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun.

Jirrizulta, mill-provi kollha prodotti quddiem dina l-Qorti, u partikolarment mix-xhieda ta' l-aktar zewt persuni imparzjali f'loghba tal-football, ossija ir-Referee u il-Linesman, ir-rikorrent f'ebda mument ma' ta' daqqa ta' ponn lill-player ta' Marsaskala, kif jiddikjara l-artikolist, issa indikat bhala Bernard Lynch.

Jirrizulta, di fatti mix-xhieda ta' dawna z-zewgt ufficjali, illi kien attwalment il-player li waqa' ma' l-art illi kien qieghed jaghmel simulazzjoni u, di fatti, inghata karta safra, peress illi z-zewgt ufficjali jikkonfermaw illi r-rikorrent laqat il-ballun u qatt ma laqat il-player tal-football.

Apparti minnn dana il-fatt, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-pubblikazzjoni saret intenzjonalment b'hazen u intiza unikament sabiex iwegga lir-rikorrent. Dana qieghed jinghad ghax l-artikolist ghazel, meta kien qieghed jirrapporta l-kaz illi jiddeskrivieh bhala "*L-eks President tal-PN u kandidat ghall-elezzjoni generali*".

Jidher car ukoll illi l-fatt li l-artikolist ghazel illi jaghmel referenza ghall-tali karigi illi r-rikorrent kellu fil-passat, minn liena karigi huwa telaq u ghalhekk ma baqax aktar involut attivament fil-kamp politiku, b'intenzjoni cara illi, b'malizjia, jitfa dell ikrah fuq ir-rikorrent u joskurah mal-qarrejja billi jattribwixxi agir allegatament vjolenti fuq kamp tal-football. Ma kien hemm ebda raguni ghaliex l-awtur tal-artikolu indika lir-rikorrent bhala ex President tal-Partit Nazzjonalista u ex-Kandidat tal-Partit Nazzjonalista jekk mhux biex jattakka lill-Partit Nazzjonalista u lir-rikorrent, u joskura l-figura pubblika illi l-istess rikorrenti ghandu, u dana minkejja l-fatt illi ma kienx ghadu involut aktar fil-kamp politiku u ghalhekk ma setax jitqies bhala politiku li fil-konfront tieghu tista ssir kritika minn l-aktar wiesgha.

Il-Qorti ma ghandha ebda dubju illi l-hsieb ewlieni tal-ahbar imxandra mill-awtur tal-artikolu ma kienx sabiex jirrapporta incident illi sehh waqt loghba football, liema incidenti jigru ta' spiss u qatt ma jigu rrappurtat, specjalment waqt loghba tat-Tielet Divizjoni, izda sabiex izeblagh u jwaqqa' ghar-redikolu lir-rikorrent billi jallegaw azzjoni vjolenti fuqu, liema azzjoni, wara kollox, ma kienet minnha xejn.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi tali tentattiv johrog ferm bic-car fil-kummenti illi l-istess socjeta rikorrenti ippermettiet illi jittellghu fuq l-istess sit minn persuni illi jsegwu tali sit u illi sabu l-hin fil-gurnata taghhom illi jidhlu fis-sit u jhallu messaggi xejn felici w dispreggjattivi fil-konfront tar-rikorrent stess fejn sahansitra zewgt kummentaturi ghajru lir-rikorrent "*PASTAZ PRIMA KWALITA …. PASTAZ U ISTHI JEKK TAF KIF …*" kif ukoll "*Pulcinell kont, ghadek u tibqa*".

L-uzu ta' tali kliem minn terzi persuni hija indikazzjoni cara tal-mibgheda u zebliegh illi r-rappurtagg mwassal mis-sit elettroniku tas-socjeta intimata www.inews.com gabdet fil-konfront tar-rikorrent, liema kummenti qatt ma jistghu jitqiesu bhala espressjoni protetta mid-dritt ghall-liberta ta' l-espressjoni izda huma kummenti illi ghandhom jigu severament ccensurati, u dawna messhom kienu ccensurati ab initio mill-amministratur tas-sit www.inews.com haga li n-nuqqas ta' tali censura hija indikazzjoni cara ta' l-intenzjoni wara r-rappurtagg meritu tal-kawza odjerna.

Il-liberta' ta' l-espressjoni hija dritt illi dawna l-Qrati sejjrin dejjem jipprotegu, sakemm jithallew jaghmlu dan, madanakollu, l-abbuz tad-dritt tal-liberta ta' l-espressjoni ma tistax tigi sancita minn dawna l-Qrati.

Kif gie osservat mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza '**Sylvana Debono vs Alexander Farrugia**', deciza fis-27 ta' Jannar, 2016.

*Id-dritt tal-liberta tal-espressjoni m'huwiex licenzja biex thammeg ir-reputazzjoni ta' haddiehor u mbaghad tipprova tistahba wara dan id- dritt.*

Kif gie ukoll osservat mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza '**Ingineer Anthony Bezzina vs Josef Caruana**' deciza fl-10 ta' Marzu 2017,

*Filwaqt li gurnalist ghandu kull jedd u anzi dmir li jirrapporta grajjiet ta' interess pubbliku, pero' ghandu jaqdi dmirijietu in bona fede u m'ghandux jedd jakkuza persuna b'fatti li ma jkunux veri. Id-dritt tal-liberta ta' espressjoni mhuwiex dak li tivvinta .*

Apparti minn hekk, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi min jittollera l-abbuz ta' tali dritt u jippermetti l-uzu tas-sit elettroniku tieghu sabiex jinkitbu tghajjir u abbuzi fil-konfront ta' persuni ohra ghandu jinzamm responsabbli wkoll ghal tali kummenti, u dana ghandu jigi rifless ukoll fid-danni.

## Ikkunsidrat

Il-Qorti, qabel ma tghaddi ghall-konkluzjonijiet taghha, thoss illi ghandha taghmel is-segwenti osservazzjoni.

Il-kawza odjerna kienet wahda minn erbgha kawzi illi r-rikorrent intavola kontra diversi partijiet izda kollha in konessjoni ma' l-istess akkadut u l-istess ahbar.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi jidher illi recentement saret prassi komuni, illi parti leza tiftah numru kbir ta' kawzi kontra l-istess persuna jew persuni differenti izda relatati, liema kawzi jkunu kollha bbazati fuq l-istess akkadut.

Tali prassi qieghda twassal kemm ghall proliferazzjoni kbira ta' kawzi identici ta' dina n-natura kif ukoll ghall-theddida ohra fil-konfront tal-liberta' ta' l-espressjoni, fejn l-ftuh ta' hafna kawzi fuq l-istess meritu jistghu jkollhom "*chilling effect*" fil-konfront ta' min ikun qieghed jippubblika l-istorja.

Il-Qorti tosserva illi kull individwu ghandu d-dritt illi jipprotegi r-reputazzjoni tieghu billi jirrikori lejn il-Qrati ta' Malta biex jinghata rimedju ghal dak illi dwaru huwa jhoss malafamat, izda tali dritt ma ghandhux jigi abbuzat biex ixxekkel jew twaqqaf it-tixrid ta' informazzjoni b'mod liberu u dan billi jinfethu numru kbir ta' kawzi, fuq l-istess meritu jew meritu simili, intizi unikament biex ibezzghu u jitfghu piz finanzjarju ingenti fuq min qieghed jaghmel xoghlu bhala gurnalist. Dana ma huwa xejn ghajr attakk lampanti lejn il-liberta' ta' hsieb u ta' espressjoni.

Il-Qorti, hawnhekk, taghmel referenza ghall dak illi ntqal mill-kelliem tal-Kummissjoni Ewropeja fi stqarrija illi ghamlet nhar it-Tlieta 17 ta' Ottubru 2017, wara il-qtil vjolenti u bla precedent ta' gurnalista maltija, ossija ta' Daphne Caruana Galizia, qtil illi jidher li kien intenzjonat unikament sabiex jimmina u, fil-kaz ta' Daphne Caruana Galizia, itemm bl-aktar mod krudili u kodard, l-uzu tal-liberta' ta' espressjoni, li hija ghodda essenzjali ghal gurnalist, fejn intqal is-segwenti:

*"The right of a journalist to investigate, ask uncomfortable questions and report effectively is at the heart of our values and needs to be protected at all times."*

Dawna l-valuri huma u ser jibqu dejjem il-qofol tal-Qrati tal-Gustizzja u l-amministrazzjoni taghha fil-Qrati Maltin u ghandhom ikunu wkoll il-qofol tas-socjeta Maltija, illi kienet originalment socjeta mibnija fuq valuri sodi, izda li l-valuri taghhom qieghdin sfortunatament jitnaqqru u jitmermru maz-zmien rizultat tal-reghba ghal flus, egoizmu bla qies u nuqqas' ta' rispett lejn l-awtoritajiet illi, f'dawn l-ahhar snin, qed tahkem il-Gzejjer Maltin kif ukoll id-dinja in generali.

Tali konsiderazzjonijiet ser jigu riflessi fid-danni illi ser tipprovdi l-Qorti.

## Konkluzjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi seghet it-trattazzjoni orali ta' l-abbli difensuri tal-partijiet,

Wara illi ghamlet il-konsiderazzjonjiet kollha taghha kif fuq spjegat,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimati,

**Tilqa** t-talba tar-rikorrent kif dedotti u

**Tiddikjara** il-kontenut ta' l-artikolu intitolat '***Victor Scerri jxejjed daqqa ta' ponn lil pleyer waqt loghba futbol***' li deher fuq is-sit elettroniku www.inews.com, li tieghu s-socjeta intimata, bhala sid tas-sit, kienet responsabbli, fis-6 ta' Ottubru 2014, bhala libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk

**Tikkundanna**, a tenur ta' l-artikolu 28 tal-Kap 248, lill-intimati ihallsu lir-rikorrenti flimkien is-somma komplessiva ta' elfejn Euro (€2,000) in linea ta' danni sofferti minnhom rizultat tal-pubblikazzjoni ta' l-istorja fuq imsemmija.

Kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha filwaqt illi imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effetti ikunu a kariku ta' l-intimat.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur